

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10517/26

LIMITE

CORLX 618
CFSP/PESC 903
COHOM 91

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi
kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999¹.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, permezz tad-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), fisem l-Unjoni Ewropea dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem minn kull persuna hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna li d-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż ir-regoli li jirregolaw it-trattament tal-priġunieri tal-gwerra, irid jiġi rrispettat bis-sħiħ u kkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru imwettqa fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa enfasizza wkoll l-impenn sod tiegħu li jiġi żgurat l-irfiġħ tar-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1999/oj>).

- (4) Fid-dikjarazzjoni tagħha fil-laqgħa tal-Arria-formula tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar “Il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali kontra prigionieri tal-gwerra u detenuti ċivili Ukreni” fit-13 ta' Jannar 2025, l-Unjoni kkundannat bl-aktar mod qawwi t-tortura, it-trattament ħażin u l-qtil ta' prigionieri tal-gwerra u detenuti ċivili Ukreni, appellat biex il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar jingħata aċċess bla xkiel għad-detenuti kollha, u tenniet il-ħtiegħa li jiġi żgurat l-irfiġħ tar-responsabbiltà għall-ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali.
- (5) F'dak il-kuntest, jenħtiegħ li tmien persuni u entità waħda jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999.
- (6) Għalhekk, jenħtiegħ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"139.	Alexei Viktorovich KHAVETSKY	Алексей Викторович ХАВЕЦКИЙ (bir-Russu)	Funzjoni: Viċi Kap tas- Sigurtà u l-Ħidma Operazzjonali f'Penal Colony No. 7 (Pakino, Vladimir Oblast) Data tat-twelid: 23.12.1989	Alexei Khavetsky huwa l-Viċi Kap tas-Sigurtà u l- Ħidma Operazzjonali f'Penal Colony No. 7 (Pakino, Vladimir Oblast) fejn organizza u ssorvelja l-maltrattament sistematiku tal-priġunieri tal-gwerra Ukreni (POWs).	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- elenkar
			Post tat-twelid: Melekhovo, Kovrovsky District, Vladimir Oblast, Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Taħt it-tmexxija tiegħu, il-priġunieri tal-gwerra Ukreni kienu soġġetti għal swat gravi, xokkijiet elettriċi, u tbatija tal-ġuħ intenzjonata. Khavetsky huwa responsabbli wkoll għall-fatt li organizza atti ta' vjolenza sesswali u umiljazzjoni estrema, fost l-oħrajn li sforza lil priġunieri fi stat ta' għera jissimulaw atti sesswali għad-divertiment tal-persunal tal-kolonja. Billi eżerċita kmand fuq l-operazzjonijiet ta' sigurtà tal-faċilità, huwa pparteċipa direttament f'abbuż mifruż kontra persuni, u ffaċilitah. Għalhekk, Alexei Khavetsky huwa responsabbli għat-tortura u għal trattament jew kastig krudili, inumani jew degradanti oħra.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
140.	Artem Nikolayevich POTAPCHUK	Арте́м Николаевич ПОТАПЧУК (bir-Russu)	Funzjoni: Maġġur, Assistent tal-kap ta' Penal Colony No. 120, uffiċjal superjuri fl- iżolament dixxiplinari, Main Directorate of the Federal Penitentiary Service of the Russian Federation in "Donetsk People's Republic" Data tat-twelid: 6.6.1986 Nazżjonalità: Ukrena Sess: raġel	Artem Potapchuk huwa l-Viċi Kap tal-ħabs ta' Olenivka fir-reġjun ta' Donetsk. F'dan ir-rwol ġie identifikat minn investigazzjonijiet ġurnalistiċi u testimonjanzi tas-superstiti bħala li huwa involut direttament fit-tortura, is-swat u l-umiljazzjoni ta' priġunieri tal-gwerra u ta' ċivili Ukreni. Ir-rapporti jindikaw li l-bieċa l-kbira tad-detenuti fil-ħabs ta' Olenivka kienu soġġetti għal tortura sistematika u għal trattament krudili, inuman u degradanti ieħor. Minħabba l-pożizzjoni u l-azzjonijiet tiegħu, Artem Potapchuk huwa responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
			Indirizz: Donetsk oblast, Makeyevka city, Kavkazskaya street, 27, apt. 2 Numru tal-passaport Ukren: serje MH No 553834 Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 3156801837 Entitajiet assoċjati: Legal colony No. 120 – Olenivka prison		

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
141.	Dmitry NEELOV magħruf ukoll bħala Dmitry NEYOLOV magħruf ukoll bħala Dmitry NEYELOV magħruf ukoll bħala Dmitro NEYOLOV	Дмитрий НЕЕЛОВ (bir-Russu) Дмитро НЕЙОЛОВ (bl-Ukren)	Funzjoni: l-Ewwel Viċi Kap tal-ħabs ta' Olenivka Nazżjonalità: Ukrena Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Correctional colony No. 120 – Olenivka prison	Dmitry Neelov huwa l-Ewwel Viċi Kap tal-ħabs ta' Olenivka. F'dan ir-rwol ġie identifikat minn investigazzjonijiet ġurnalistiċi u testimonjanzi tas- superstiti bħala li huwa involut fit-tortura, is-swat u l-umiljazzjoni ta' prigionieri tal-gwerra (POWs) u ta' ċivili Ukreni. Il-biċċa l-kbira tad-detenuti f'Olenivka kienu soġġetti għal tortura sistematika u għal trattament krudili, inuman u degradanti ieħor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				Barra minn hekk, is-Servizz tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Ukrajna (SBU) u l-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna identifikaw l-involvement ta' Dmitry Neelov fil-qtil tal-massa ta' POWs Ukreni f'Olenivka fit-28 u d-29 ta' Lulju 2022. Huwa direttament responsabbli għall-qtil arbitrarju ta' persunal militari Ukren, billi kien konxju mill-konsegwenzi tal-isplużjonijiet u mill-għadd ta' vittmi kkawżat mill-attakk Russu fuq il-ħabs ta' Olenivka fit-28 u d-29 ta' Lulju 2022, iżda deliberatament dewwem l-evakwazzjoni tal-midruba, li wassal għall-mewt ta' diversi minnhom. Minħabba l-pożizzjoni u l-azzjonijiet tiegħu, Dmitry Neelov huwa responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor, kif ukoll għal qtil arbitrarju permezz ta' atti jew ommissjonijiet li wasslu għall-isplużjonijiet ta' Olenivka u l-mewt sussegwenti ta' POWs Ukreni.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
142.	Kirill Viktorovich SHAKUROV magħruf ukoll bħala Kurylo SHAKUROV	Кирилл Викторович ШАКУРОВ (bir-Russu) Кирило Вікторович ШАКУРОВ (bl-Ukren)	Funzjoni: Sottuffiċjal Superjuri tal-Ogħla Grad, Spettur subaltern tax- xiftijiet f'Penal Colony No. 120, sal-2022; mill-2023, huwa impjegat ta' Correctional Colony No. 27, Main Directorate of the Federal Penitentiary Service of the Russian Federation in "Donetsk People's Republic"	Kirill Shakurov kien Sottuffiċjal Superjuri tal- Ogħla Grad, Spettur subaltern tax-xiftijiet f'Penal Colony No. 120 (ħabs ta' Olenivka) sal-2022. F'din il-kapaċità kien involut fis-swat sistematiku, fit-tortura bl-użu ta' mezzi speċjali u mezzi oħra, u fl-umiljazzjoni ta' membri tas-servizz Ukreni maqħbuda. Mill-2023, huwa impjegat ta' "Correctional Colony No. 27, Main Directorate of the Federal Penitentiary Service of the Russian Federation for the "Donetsk People's Republic" Minħabba l-pożizzjoni u l-azzjonijiet tiegħu, Kirill Shakurov huwa responsabbli għall-ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
			Data tat-twelid: 3.9.1986 Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel Indirizz: Donetsk oblast, Gorlovka city, Chernikova street, house 35, apt. 4 Passaport Ukren: BK № 262981 Entitajiet assoċjati: Penal colony No. 120 – Olenivka prison Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 3165702233		

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
143.	Vasiliy Valerievich BAKALINSKIY magħruf ukoll bħala Vasyl BAKALINSKIY	Василий Валерьевич БАКАЛИНСКИЙ (bir-Russu) Василь Валерійович БАКАЛИНСЬКИЙ (bl-Ukren)	Funzjoni: Sottuffiċjal tal- Ogħla Grad u impjegat ta' Penal Colony No. 120 Data tat-twelid: 17.12.1989 Nazżjonalità: Ukrena Sess: raġel Indirizz: Donetsk oblast, Volnovakha district, Molodezhnoye village, Novoselov street, house 6, apt. 3	Vasiliy Bakalinskiy huwa superviżur/gwardjan f'Penal Colony No. 120 (ħabs ta' Olenvika). F'din il-kapaċità kien involut fis-swat sistematiku, fit- tortura bl-użu ta' mezzi speċjali u mezzi oħra, u fl- umiljazzjoni ta' membri tas-servizz Ukreni maqbuda. Minħabba l-pożizzjoni u l-azzjonijiet tiegħu, Vasiliy Bakalinskiy huwa responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
			Individwi assoċjati: Kirill Viktorovich Shakurov, Yuriy Alekseyevich Dmitrenko Entitajiet assoċjati: Penal Colony No. 120(Olenivka prison)		

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
144.	Vyacheslav Nikolayevich YAKURNOV	Вячеслав Николаевич ЯКУРНОВ (bir-Russu)	Funzjoni: Maġġur, kap tad- dipartiment operazzjonali ta' Penal Colony No. 120, Main Directorate of the Federal Penitentiary Service of the Russian Federation for the "Donetsk People's Republic" Data tat-twelid: 14.2.1981 Nazżjonalità: Ukrena Sess: raġel Indirizz: Donetsk oblast, Donetsk city, Ovnatanyana st., bldg. 40, apt. 9	Vyacheslav Yakurnov huwa l-Kap tad-dipartiment operazzjonali fil-ħabs ta' Olenivka fir-reġjun ta' Donetsk. F'dan ir-rwol ġie identifikat minn investigazzjonijiet ġurnalistiċi u testimonjanzi tas- superstiti bħala li huwa involut direttament fit- tortura, is-swat u l-umiljazzjoni ta' prigionieri tal- gwerra u ta' ċivili Ukreni. Ir-rapporti jindikaw li l- biċċa l-kbira tad-detenu ti f'Olenivka kienu soġġetti għal tortura sistematika u għal trattament krudili, inuman u degradanti ieħor. Minħabba l-pożizzjoni u l-azzjonijiet tiegħu, Vyacheslav Yakurnov huwa responsabbli għall- ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
			Numru tal-passaport Ukren: serje BA Nru 678960 Numru tal-passaport Russu: serje 6023 Nru 090380 Entitajiet assoċjati: Penal colony No. 120 – Olenivka prison		

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
145.	Yan Vyacheslavovych ZANEVSKY magħruf ukoll bħala Ladya	Ян Вячеславович ЗАНЕВСКИЙ (bir-Russu)	Funzjoni: Uffiċjal tal-FSB Data tat-twelid: 20.5.1995 Indirizz: Moscow, 12 Tvadovskogo Street, building 3, apt. 263; Moscow, Lobnenskaya st. 2, apt. 128	Yan Zanevsky (magħruf ukoll bħala "Ladya"), uffiċjal tas-Servizz Federali tas-Sigurtà tar-Russja (FSB), huwa responsabbli għall-ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem fit-territorji temporanjament okkupati tal-Ukrajna, fosthom ir-reġjuni ta' Kherson, Mykolaiv u Zaporizhzhia. Fil-kapaċità tiegħu bħala "kuratur" tal-FSB, Yan Zanevsky ssorvelja u pparteċipa personalment fid- detenzjoni illegali u t-tortura ta' ċivili, fost oħrajn atti ta' vjolenza fiżika u psikoloġika estrema bħal swat, soffokazzjoni u abbuż sesswali. Għalhekk Yan Zanevsky huwa responsabbli għat- tortura u għal trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti oħra.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
146.	Yuri Alekseevich DMYTRENKO	Юрий Алексеевич ДМИТРЕНКО (bir-Russu) Юрій Олексійович ДМИТРЕНКО (bl-Ukren)	Funzjoni: Sottuffiċjal tal- Ogħla Grad u impjegat ta' Penal Colony No. 120 (ħabs ta' Olenivka), Main Directorate of the Federal Penitentiary Service of the Russian Federation for the "Donetsk People's Republic"	Yuri Dmytrenko huwa superviżur/gwardjan f'Penal Colony No. 120 (ħabs ta' Olenivka). F'din il-kapaċità kien involut fis-swat sistematiku, fit- tortura bl-użu ta' mezzi speċjali u mezzi oħra, u fl- umiljazzjoni ta' membri tas-servizz Ukreni maqbuda. Minħabba l-pożizzjoni u l-azzjonijiet tiegħu, Yuri Dmytrenko huwa responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	"";

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
			Data tat-twelid: 11.10.1979 Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel Indirizz: TOT of Donetsk region, Horlivka, st. Korchagina, bud. 28, sq. 32 Entitajiet assoċjati: Penal Colony No. 120 (Olenivka prison)		

(2) l-entità li ġejja tizzied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"42.	Pre-trial detention center-2 Taganrog "SIZO 2"	СИЗО-2 Таганрог magħruf ukoll bħala ФКУ СИЗО-2 ГУФСИН России по Ростовской области (bir-Russu)	Indirizz: 347910, 175, Lenin Str., Rostov Region, Taganrog Post ta' reġistrazzjoni: Russian Federation, Taganrog Post prinċipali tan- negożju: Russian Federation	SIZO-2 (Detention Centre No. 2, Taganrog) hija waħda mill-faċilitajiet ta' detenzjoni tal-Federazzjoni Russa li tintuża biex jinżammu prigionieri tal-gwerra u ċivili Ukreni, inkluż ġurnalisti u nisa. L-eks detenuti jirrappurtaw tortura sistemika, inkluż xokkijiet elettriċi, swat, konfessjonijiet furzati, u forom oħra ta' abbuż fiżiku u psikoloġiku. Il-ġurnalista Ukrena Viktorii Roshchyna mietet fil-faċilità wara sena detenzjoni, u l-perizji forensiċi juru diversi indikazzjonijiet ta' tortura, inkluż xokkijiet elettriċi, brix u għadam miksur.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				It-testimonjanzi jikkonfermaw li l-priġunieri Ukreni f'SIZO-2 huma soġġetti għal tortura u trattament ħażin ta' rutina, f'sistema li tinvolvi lill-unitajiet speċjali tal-FSIN u l-FSB. Id-detenu ti jġu miċħuda l-kura medika, jinżammu f'kundizzjonijiet degradanti u jġu mhedda biex jinkisbu konfessjonijiet. Għalhekk SIZO-2 huwa responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor."	